MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 503/2011

**GO plc – C 22334**

**vs**

**Christopher Borg – ID20273-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u tmenin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€287.16c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni akkont numru *A/C10181306* moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza u skond l-annessi dokumenti Dok IZY 1 – prospett u Dok IZY 2 applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn sebgha u tmenin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€287.61c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------